MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 150/2004

Kawza fil-lista: 19

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet:

Peress illi l-partijiet C B u A B xebba D izzewgu fl-14 ta' Marzu 1987 l-Iskeard Registry Office County of Cornwall Cornwall go l-Ingilterra u minn liema zwieg huma ghandhom zewgt itfal jisimhom F li ghandha hmistax-il (15) sena u G li ghandu tlettax-il (13) sena;

Billi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment kagun tal-konvenut minhabba adulterju, sevizzi, theddid kontinwu, ingurji gravi, insulti, minacci, nuqqas ta' manteniment kif ukoll ta' abbandun tad-dar matrimonjali;

U billi l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni mill-medjaturi biex tipprocedi b' din il-kawza ghas-separazzjoni stante li l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma gietx mihuqa;

Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi m' ghandux jigi dikjarat u deciz minn din il-Qorti li:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet a htija tal-konvenut kif fuq inghad;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separata minn zewgha;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, F u G, jigu fdati lill-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u hinijiet stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Tordna illi d-dar taz-zwieg u cioe' 17 Triq Sant' Anna Attard tigi okkupata esklussivament mill-attrici u mit-tfal tal-konjugi;

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas ghaliha u ghal fuq imsemmi tfal ir-retta alimentarja xierqa u adegwata;

6. Tapplika interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 tal-Kodici Civili u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom;

7. Tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu mqassma nofs kull wiehed bejn il-partijiet;

8. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici il-beni kollha dotali u parafernali taghha;

9. Tinnomina nutar sabiex jippubblika l-att opportun u kuraturi deputati sabiex jipprezentaw l-eventwali kontumaci fuq dan l-att;

10. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez ta’ din il-kawza;

11. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi hu jemmen fiz-zwieg u ma jaqbilx li tigi dikjarata s-separazzjoni, jemmen fir-rikonciljazzjoni tal-partijiet izda jekk din ghandha tigi dikjarata, din ghandha tkun minhabba htijiet imputabbli lill-istess attrici u b’ dan illi kienet l-istess attrici bl-adulterju, ingurji gravi, u sevizzi li gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti, u minhabba f’ i nkompatibilita ta’ karattru tal-partijiet.

2. Dwar it-tieni talba, se mai tintlaqa, il-konvenut hu dispost anki jghix ma’ l-attrici fl-istess dar li trabba fiha hu u cioe’ dik matrimonjali u dan billi jghixu f’ partijiet separati ta’ din id-dar.

3. Illi t-tielet talba ta’ l-attrici ghal kura u kustodja tal-minuri F u G hija opposta billi l-missier huwa idoneu, aktar mill-attrici biex jiehu hsieb il-minuri uliedu. L-attrici qed tuza l-iskuza tal-minuri esklussivament ghal skop wiehed u cioe’ d-dar matrimonjali. Il-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata esklussivament lill-konvenut b’ access liberu ghall-attrici.

4. Illi r-raba’ talba hi opposta stante illi d-dar konjugali hija parafernali tal-konvenut u ghalhekk m’ ghandhiex tigi allokata lill-attrici. Il-konvenut trabba f’ din id-dar mal-genituri u hutu u ghalhekk ghandha valur sentimentali qawwi ghalih.

5. Illi l-konvenut m’ ghandux ihallas manteniment ghall-attrici stante illi l-attrici tahdem u hija kapaci tipprovdi

ghall-manteniment taghha u ghaliex l-istess attrici ddekadiet mid-dritt taghha illi tippercepixxi l-manteniment minghand l-eccipjenti zewgha. Rigward il-minuri ghandha tkun l-attrici li tversa retta alimentari ghal uliedha.

6. Illi s-sitt talba hija opposta billi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi citati mill-attrici.

7. Illi l-konvenut ma jafx ghal liema oggetti parafernali qed tirreferi ghalihom l-attrici.

8. Illi l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-attrici.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem il-Qorti Civili Sezzjoni Familja, kontra l-attrici.

Rat il-kontro talba prezentata mill-konvenut rikonvenzjonant, u li tinsab inserita fil-process a fols.40 sa 43 li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti mill-istess [Appendici A];

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-attrici rikonvenzjonata, u li tinsab inserita fil-process odjern a fols.57 sa 60 li kopja taghha qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti mill-istess [Appendici B];

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Stefano Filletti, minnu debitament mahluf;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza, id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

[1] Vol.6

**Ikkunsidrat;**

**Azzjoni u Kontro-talba**
Illi permezz tal-proceduri odjerni l-partijiet qed jitolbu s-separazzjoni personali minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38, 40 u 41tal-Kap.16 li l-partijiet qed jattribwixxu lil xulxin; qed jitolbu wkoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Iz-zewg partijiet jichdu dak attribwit lilhom mill-parti l-ohra.

**Separazzjon Personali**
Illi mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat li l-partijiet izzewwgu fl-14 ta' Marzu 1987, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal, F u G, li twieldu rispettivament fis-sena 1988 u 1990, u li ghalhekk illum it-tnejn huma maggjorenni.

Illi fl-ewwel seba' snin tal-konvivenza matrimonjali, jidher li ma kienx hemm problemi bejn il-partijiet. Il-konvenut kien jahdem u jipprovdi ghall-familja, filwaqt li l-attrici ma kienitx tahdem u kienet tiehu hsieb il-familja u d-dar. Il-konvenut kien jahdem hafna sabiex izomm lil martu u lil uliedu neqsin minn xejn. Jirrizulta wkoll li l-konvenut kien jghaddi l-flus kollha li kien jaqla' lil martu biex tiggestixxi hi l-infieq ghall-bzonnijiet tal-familja; u anke meta l-konvenut kien mar jahdem il-Libja b' introjtu sostanzjali, il-paga kienet tithallas direttament f' kont bankarju li kien fuq isem iz-zewg partijiet, b'mod li z-zewg partijiet kellhom access ghall-flus hemm depozitati.

Illi matul il-konvivenza matrimonjali l-partijiet bdew jesperjenzjaw problemi partikolarment minhabba li l-konvenut beda jabbuza mix-xorb alkoholiku bir-rizultat li kellu jiehu l-kura. Kawza ta' din il-problema, l-agir tieghu fil-konfront ta' martu u ta' uliedu kien okkazzjonalment verbalment abbuziv. Wara li l-konvenut gie lura mil-Libja l-inkwiet matrimonjali aggrava minhabba li l-attrici bdiet tinvolvi ruhha b' mod esagerat mal-klabb tar-rugdby li fih it-tieni wild tal-partijiet kien player. Minhabba dan l-involviment qawwi da parti taghha, hija kienet taghmel

hafna mill-hin taghha barra mid-dar matrimonjali, u dan beda jidejjaq hafna lill-konvenut li kien jippretendi li martu, li ma kienitx tahdem, kienet tqatta' hafna aktar him mieghu u mal-familja;  izjed u izjed meta l-konvenut beda josserva li martu kellha hbiberija specjali mal-kowc tat-team.

Dan l-inkwiet kompla jaggrava l-problemi tal-konvenut, u eventwalment wassal sabiex il-partijiet isseparaw *de facto*.  Inoltre, ghalkemm il-konvenut ipprova jibqa' jghix fid-dar matrimonjali,  eventwalment huwa kien gie kostrett sabiex *pendent lite* jghix allontana ruhu minn din id-dar.

Illi t-tezi attrici hi fis-sens li l-kawza tal-inkwiet matrimonjali kien il-komportament abuziv da parti tal-konvenut meta dan kien jabbuza mix-xorb alkoholiku;  u ssostni li hi kienet iddecidiet li ma setghetx tibqa' tghix aktar mieghu. Hija tammetti li kienet involviet ruhha hafna fil-klabb tar-rugby, u li kienet tkun ta' sikwit fil-prezenza tal-kowc tat-team, izda tichad kategorikament u konsistentement li hi kellha relazzjoni extra matrimonjali ma' dan il-persuna. Mill-banda l-ohra tghid li kien il-konvenut li sussegwentement dahal f' relazzjoni extra-matrimonjali ma' mara ohra.

Min-naha tieghu l-konvenut jinnega li l-inkwiet matrimonjali beda minhabba li hu kien jabbuza mill-alkohol.  Jghid li sa minn meta kienu ghadhom gharajjes, it-tnejn kemm huma kienu jixorbu, u gieli kemm hu kif ukoll l-attrici kienu jispiccaw fis-sakra, u jsostni li dan kompla jsir anke wara z-zwieg.  Jghid li maz-zmiem l-abbuz mill-alkohol kien sar problema ghalih, izda hu kien ghamel il-programm kollu tal-kura;  pero' l-inkwiet matrimonjali tefghu lura f' dan ir-rigward.

Il-konvenut jispjega li l-inkwiet kollu nqala' meta fis-sena 2001 huwa kien mar jahdem il-Libja biex fejn allura kien jaghmel xi gimghat barra minn Malta.  Jghid li f' dan iz-zmien l-attrici kienet involviet ruhha fil-klabb tar-rugby, u dan a skapitu tal-hin taghha mal-familja.  Jghid ukoll li l-hbiberija li l-attrici kellha mal-kowc kienet iddejjqu, u li, nonostante li huwa kien juri dan id-dwejjaq tieghu lill-attrici, dina xorta wahda ppersistiet fl-istil ta' hajja li kienet

qeda tghix f' dak iz-zmien, u cioe' tqatta' hafna hin barra mid-dar.

Jghid li l-attrici hija mara li taghmel dak li trid hi, irrispettivament mix-xewqat tieghu; u okkazzjonalment hi kienet tghajjat u tkun verbalment abbuziv fil-konfront tieghu, jekk ma tghaddix taghha. Jilmenta wkoll mill-fatt li martu kienet toggezzjoni li jattendi l-klabb fejn kienet tkun hi.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi akkwiziti l-Qorti hija tal-fehema li, filwaqt li llum ma hemmx dubju li l-konvivenza bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli u li din tkissret irrimedjabbilment, il-htija ghal dan tirrisjedi fuq iz-zewg partijiet. Il-komportament abuziv okkazzjonali da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu u anke ta' uliedu kagun ta' l-abbuz mill-alkohol da parti tieghu, min-naha l-wahda; u min-naha l-ohra, il-persistenza da parti ta' l-attrici li dina tibqa' tinvolvi ruhha fl-imsemmija attivita' sportiva barra mid-dar matrimonjali ghad-dannu manifest tar-relazzjoni matrimonjali ma' zewgha li min-naha tieghu kien juri d-dispjacir tieghu, kemm dwar dan il-fatt, kif ukoll dwar il-fatt li hi kienet qed tkun tas-spiss mal-kowc tat-tim, huma l-fatturi li wasslu ghat-terminazzjoni tal-konvivenza bejn il-partijiet. Fil-fehema tal-Qorti dawn il-fatturi jikkostitwixxu 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu 40, stante li l-inkwiet u s-sentimenti negattivi li holqu fiz-zewg partijiet kienu rrendu l-konvivenza matrimonjali nsapportabbli.

Illi rigward l-adulterju, attribwit miz-zewg partijiet, reciprokament, il-Qorti tosserva li l-provi ma jwasslux ghall-integrazzjoni ta' din il-kawzali, kemm da parti tal-attrici, kif ukoll da parti tal-konvenut.

Illi rigward l-abbandun, attribwit mill-attrici lill-konvenut, il-provi juru proprju l-kontrarju; ghax nonostante li l-konvenut ried li jibqa' jghix fid-dar matrimonjali, huwa kien gie kostrett jitlaq minn dan il-fond.

Illi rigward l-<u>kawzali</u> da parti ta' l-attrici dwar in-nuqqas tal-konvenut li jmantni lil martu u lil uliedu, <u>matul il-</u>

konvivenza matrimonjali din ma tirrizultax; u l-provi juru li, filwaqt li matul il-konvivenza l-attrici ma kienitx tahdem, il-konvenut kien jahdem hafna biex igib id-dar il-flus ghal-ghejxien tal-familja tieghu, u li dawn il-flus kienet tiggestihom l-istess attrici; inkluz l-introjtu sostanzjali li hu kien dahhal mix-xoghol tieghu fil-Libja u li jidher li sas-separazzjoni ma kien baqa' xejn minnhom, kien jidhol direttament f' kont kongunt accessibbli ghaz-zewg partijiet, inkluza l-attrici.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba tal-partijiet ghas-separazzjoni personali hija gustifikata, u ghal dan jahtu z-zewg partijiet.

**Kura u Kustodja**
Illi llum-il gurnata t-tfal huma maggjorenni, u ghalhekk dan l-aspett tal-kawza jinsab sorvolat.

*Dar Matrimonjali - 17 Triq Sant' Anna Attard*
Illi mill-provi jirrizulta manifest li dan il-fond huwa mizmum mill-konvenut b' titolu ta' inkwilinat sa minn qabel iz-zwieg; u ghalhekk dan l-inkwilinat huwa assi parafernali tal-konvenut.
Illi in propozitu din il-Qorti hi tal-fehema li f' dan il-kaz ghandha tikkonferma d-dritt tal-konvenut li jkompli jabita f' dan il-fond, ad eskluzjoni ta' l-attrici; multo magis meta t-tfal tal-partijiet illum huma maggjorenni, u wkoll li anke l-attrici hija hatja tas-separazzjoni personali.

Ghaldaqstant tawtorizza lill-konvenut jghix fl-imsemmi fond ad eskluzjoni ta' l-attrici; u permezz tal-gudizzju odjern l-istess attrici hija ordnata sabiex, fi zmien tlett xhur, tivvaka l-imsemmi fond. Inoltre, tordna li l-imsemmi fond ma jibqax jitqies aktar bhala d-dar matrimonjali.

*Manteniment*
Illi f' dan ir-rigward il-Qorti tosserva li, stante li l-attrici hija wkoll hatja tas-separazzjoni, u stante li dina hija kapaci tahdem u tiggenera ntrojtu, m' ghandu jkun dovut ebda manteniment mill-konvenut lill-attrici.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

*A Mobbli*
Illi dwar l-oggetti mobbli formanti l-assi tal-komunjoni, din il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet maghmula u konkluzzjonijiet raggjunti mill-perit legali fil-partita ntestata 'Mobbli' tal-paragrafu tlettax [13] kontenut fil-pagni numri 58 sa 61 tar-relazzjoni, u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici C].

Jigi mizjud biss li, fil-kaz li l-partijiet ma jaslux ghal ftehim dwar il-valur tal-mobbli hemm indikati, il-Qorti qed tinnomina lill-istimatur Peter Bonello sabiex jaghmel stima ta' l-istess a spejjez ugwali taz-zewg partijiet.

*B Kontijiet Bankarji - Debiti*
Illi anke in propozitu l-Qorti qed taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-perit legali, li jinsabu kontenuti fil-partita ntestata 'Kontijiet Bankarji u Debiti' fil-pagni 61sa 66 tar-relazzjoni, u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici – D].

Rigward il-flus li qala' l-konvenut fiz-zmien li kien ghamel jahdem fil-Libja, il-provi juru li dawn intefqu waqt iz-zwieg, u ma hemmx prova li l-attrici ddepozitathom f' xi kont mistur u ghalhekk ghadhom fil-pussess taghha. Inoltre, mill-provi jirrizulta li wara li l-konvenut gie mill-Libja huwa kien ghamel xi zmien ma jahdimx. In konkluzjoni dwar dawn il-flus jigi osservat li dawn il-partijiet qalghuhom fiz-zwieg, u ntefqu fiz-zwieg, u l-istorja tieqaf hemm. M' hemm xejn x' jigi komputat f' dan l-istadju fil-likwidazzjoni tal-komunjoni.

*C Ishma f' kumpanija Tar-Rahal Limited registrata fil Bulgarija*
Illi din is-sezzjoni tirrigwarda proprjeta' immobbli mixtrija fil-Bulgarija mill-kumpanija 'Tar-Rahal Limited' li taghha l-konvenut huwa l-uniku direttur u l-uniku azzjonista.

L-attrici ssostni li, gjaldarba l-kumpanija hija tal-konvenut, u l-proprjeta' nxtrat mill-konvenut tramite l-kumpanija, allura l-proprjeta' in kwistjoni tifforma parti mill-assi tal-

komunjoni ta’ l-akkwisti. Minn naha tieghu l-konvenut jghid li f’ dan l-akkwist huwa kien biss prestanome, u li l-proprjeta’ nxtrat ghan-nom ta’ certu Frances Brincat li hallset l-ispejjez kollha involuti, dawk tas-safar, dawk amministrattivi u l-prezz tal-fond li jidher li jekwivali ghal circa 8,832 ewros.

Il-perit legali strah fuq ix-xhieda ta’ Frances Brincat, li skond hu kienet veritiera, u ghalhekk taha affidament; filwaqt li ha wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li ma rrizutax li l-flus hargu minn xi kont bankarju tal-partijiet, jew tal-konvenut, jew li kien hemm xi flus mistura. Huwa josserva: “ illi f’ dan il-kaz l-attrici messha pprovat fuq bazi ta’ probabbilita’ li tali akkwist ma kienx sar mill-konvenut ghall-istess Frances Brincat……[jghid] li din il-prova ma saritx sal grad rikjest mill-ligi.”[2]

Illi in propozitu din il-Qorti ma taqbilx la mal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-perit legali, u lanqas mal-konkluzjoni tieghu. Jigi osservat:

[1] li gjaladarba l-kuntratt ta’ l-akkwist jghajjat lill-konvenut, tramite l-kumpanija tieghu, bhala l-akkwirent tal-post, allura l-oneru li jressaq provi sodisfacenti in sostenn ta’ l-allegazzjoni tieghu li huwa kien biss prestanome u li l-fond fil-verita’ jghajjat lil Frances Brincat, jirrisjedi unikament fuqu u mhux fuq l-attrici. L-attrici gabet l-aqwa prova, u cioe’ il-kuntratt ta’ l-akkwist, u ma kellha tipprova xejn aktar fir-rigward.

[2] Illi bhala prova ta’ dak sostnut minnu l-konvenut ressaq lil Frances Brincat li kkonfermat verbalment it-tezi tieghu. Fil-fatt din ix-xhud ikkonfermat li hi kienet tat lill-konvenut il-flus kollha sabiex jakkwista dan il-fond ghan-nom taghha.

Illi din il-Qorti thoss li x-xhieda taghha hija nsodisfacenti bhala prova ta’ dak allegat mill-konvenut; u tosserva, li apparti mill-fatt li din il-mara, mhux parentata mal-

[2] Vol.6 pagna 67 tar-relazzjoni

konvenut, jidher li taf ftit li xejn dwar il-proprjeta' allegatament akkwistata minnha, ma jidhix li hi kienet hadet prekawzzjonijiet biex tissalvagwardja l-interessi taghha. Fix-xhiedha taghha tghid li bejn il-partijiet kienet "saret skrittura fejn jiena tajt l-istruzzjonijiet lil C B biex jixtri din il-proprjeta'. Din l-iskrittura saret quddiem in-Nutar Dottor Robert Micallef [u saret fil-bidu tas-sena 2008][3]. Tghid ukoll li "jiena ma ffirmajtx kuntratti ohra ta' l-ebda tip.". Izda dan il-ftehim, ta' valur probatorju daqshekk qawwi dwar il-vertenza in dizamina, ma giex ezebit, u baqa' ma giex ezebit, nonostante li kienet saret l-eskuzzjoni tal-perit legali fit-22 ta' Mejju 2009 u fil-5 ta' Gunju 2009, u fl-istess eskussjoni gie konfermat mill-perit legali li ma kienux tressqu provi dokumentali f' dan ir-rigward.[4]

Inoltre, tezisti divergenza bejn dak li qalet din ix-xhud u dak li qal il-konvenut f' dan ir-rigward, ghax il-konvenut fix-xhieda tieghu jghid li "nikkonferma li dwar dan [l-ishma fl-imsemmija kumpanija li l-konvenut allegatament fetah ghan-nom ta' Frances Brincat] hemm ftehim inkiteb mill-Avukat Dottor Chris Cilia u gie ffirmat bejnietna quddiem l-Avukat."[5] Lanqas dan id-dokument, daqshekk relevanti ghall-finijiet ta' prova, ma gie ezebit.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti hija tal-fehema li l-kumpanija Tar Rahal Limited ghandha titqies bhala parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u dak minnha akkwistat jifforma parti mill-istess komunjoni. Konformament tordna li l-konvenut jghati lill-attrici s-somma ta' erbat elef, erba mija u sittax-il ewro [€4,416] filwaqt li l-istess attrici tassenja lill-konvenut s-sehem taghha f' din il-kumpanija.

*Proprjeta' Parafernali*

F' dan ir-rigward il-Qorti taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjoni tal-perit legali kontenuti

[3] Vol.4 fol.725

[4] Vol.5 fol.1108

[5] Vol.4fol.721

fil-pagni numri 67 u 68 tar-relazzjoni fis-sezzjoni numru erbatax [14] intestata Proprjeta' Parafernali. [Appendici E]

**Decide**
Ghal dawn il-motivi, tiddecidi dwar l-azzjoni ta' l-attrici billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, htija taz-zewg partijiet;
[2] tilqa' t-tieni talba;
[3] tastjeni milli tipprovdi dwar it-tielet talba, stante li t-tfal tal-partijiet illum huma maggjorenni;
[4] tichad ir-raba' talba;
[5] tichad il-hames talba;
[6] tichad l-ewwel parti tas-sitt talba, u tilqa' t-tieni parti fis-sens li tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti;
[7] tilqa' is-seba' talba fis-sens li tordna li l-komunjoni ta' l-akkwisti tigi likwidata u assenjata kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti'
[8] tilqa' it-tmien talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Proprjeta' Parafernali';
[9] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa' talba, stante li hi superfluwa;
[10] tilqa' l-ghaxar talba limitatament kif ser jigi ndikat aktar 'il quddiem;
[11] tilqa' it-talba numru hdax.

L-ispejjez jibqa' bla taxxa.

Tiddecidi dwar il-kontro talba tal-konvenut billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament u fis-sens kif fuq deciz;
[2] tastjeni milli tipprovdi ulterjorment dwar it-tieni talba, stante li t-tfal illum huma maggjorenni;
[3] tastjeni milli tipprovdi ulterjorment dwar it-tielet talba, stante li t-tfal illum huma maggjorenni;
[4] tichad ir-raba' talba;
[5] tilqa' il-hames talba fis-sens fuq gja' deciz;
[F] tilqa' is-sitt talba, u tawtorizza lill-konvenut jghix fil-fond 17 Triq Sant' Anna Attard, ad eskluzzjoni ta' l-attrici li minn naha taghha ghandha tivvaka l-imsemmi fond fi zmien tlett xhur, kollox kif fuq ordnat u stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------